**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 1910/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rachel Aquilina)**

Vs

**Marisabelle Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Marisabelle Pisani**, bint Anthony u Mary Rose nee Camilleri, imwielda Pieta, Malta nhar l-għaxra (10) ta' April 1986 u residenti 3B, L'Isle Adam, Penthouse 7, Triq il-Miklem Malti, Marsaskala, Malta detentriċi tal-karta tal-identita numru 174586(M) fejn hija ġiet akkużata talli nhar is-sitta (6) ta' Frar 2023 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30hrs) ġewwa Kordin, Paola saqet

vettura numru MBL 104 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita għat-Trasport f'Malta sabiex tintuża fit-triq bi ksur tal-artiklu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mil-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan għall-perijodu ta' żmien ta' mhux anqas minn tnax -il xahar.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sitta (6) ta' Frar 2023 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30hrs), l-uffiċjali ta' Transport Malta EO 358 Clayton Haidon u EO 262 Mark Zammit kienu qegħdin *fixed point* fi Triq Kordin, Poala, Malta. F'punt minnhom iż-żewġ uffiċjali innutaw għaddejja vettura tal-marka Suzuki li kellha l-liċenzja ta' mal-windscreen skaduta. Għalhekk huma għamlu sinjal lis-sewwieqa biex hija titfa' mal-ġenb. Is-sinjura ġiet identifikata bħala Marisabelle Pisani bil-karta tal-identita numru 174586(M). Minn verifiki li saru mal-*control room* ta' Transport Malta irriżulta li l-liċenzja tal-vettura kienet skaduta.

L-uffiċjali ta' Transport Malta għalhekk ipproċedew sabiex joħorġu t-taħrika fil-konfront tas-sewwieqa.

Ikkunsidrat:

L-akkuża li qiegħda tiġi addebitata lill-akkużata hija li l-akkużata **saqet** vettura mingħajr ma din kienet liċenzjata mill-Awtorita għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-provi prodotti irrizulta is-segwenti:

(a) il-liċenzja tal-vettura MBL 104 kienet skadiet fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2023. Din imbagħad ġiet rinovata fit-tmienja (8) ta' Frar 2023 u ċioe jumejn wara li l-istess vettura kienet ġiet imwaqqfa;[1]

(b) nhar is-sitta (6) ta' Frar 2023, il-vettura MBL 104 ma kinitx qiegħda ipparkjata iżda kienet qed tinstaq mill-akkużata meta din twaqqfet minn EO 358 Clayton Haidon u minn EO 262 Mark Zammit waqt li dawn kienu qegħdin *fixed point*. Dan jirriżulta mix-xhieda li taw iż-żewġ uffiċjali. Huwa minnu li EO 262 Mark Zammit m'għarafx lill-akkużata in awla; pero ż-żewġ uffiċjali jikkonfermaw li huma stabbilew l-identita tas-sewwieqa dak il-ħin li waqqfuha u dan mill-karta tal-identita li ġiet mogħtija lilhom mix-xufiera hekk kif din twaqqfet.

[1] Ara affidavit ta' Stephen Cachia esebit bħala Dokument B fis-seduta tat-tnax (12) ta' April 2024.

Id-difiża irribattiet għall-provi miġjuba billi sostniet li l-akkużata ġiet akkużata bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 mentri fil-verita l-fattispeċie ta' dan il-każ ma kinux jinkwadraw taħt dan l-artikolu tal-liġi iżda taħt ir-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Għalhekk id-difiża sostniet li l-akkużata kellha tiġi akkużata bi ksur tar-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. In sostenn ta' dan, id-difiża ikkwotat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Pietro Pecchioni*** deċiża fid-disgħa (9) ta' April 2024. Id-difiża sostniet li l-fattispecie tal-każ ta' Pecchioni kienu l-istess bħal dak odjern u allura din il-Qorti għandha tadotta l-istess linja tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'dik is-sentenza fis-sens li l-akkużata kellha titressaq bi ksur tar-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02.

In kontra-posizzjoni ta' dan l-argument, il-Prosekuzzjoni sostniet permezz ta' nota preżentata fit-tmienja (8) ta' Mejju 2024, li f'sentenza oħra fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Darren Bonnici*** mogħtija wkoll fid-disgħa (9) ta' April 2024 mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali, dik il-Qorti kienet sabet ħtija taħt l-artikolu 15(1)(a) għall-fattispecie li kienu identiċi bħal dan il-każ. Minkejja li l-Qorti ordnat notifika ta' din in-nota lid-difiża u ikkonċediet żmien għall-kummenti da parti tad-difiża, id-difiża ma ressqet l-ebda kummenti ulterjuri għal dan.

Ikkunsidrat;

Sabiex din il-Qorti tasal għall-konklużjonijiet tagħha jeħtieġ li jiġu eżaminati fid-dettal l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 kif wkoll tar-Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 268.02.

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jistabilixxi li:

> *Kull min (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle .... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."*

Min-naħa l-oħra r-Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jistabilixxi li:

> *"L-ebda vettura bil-mutur ma tista' tkun fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenza għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenza temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorità sakemm il-*

*vettura bil-mutur ma tkunx eżenti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att."*

Minn eżami ta' dawn iż-żewġ disposizzjonijiet tal-liġi, din il-Qorti tislet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) filwaqt li fl-artikolu 15(1)(a), il-leġislatur juża l-kelma *"isuq",* din il-kelma ma tiffigurax fir-regolament 13(2) tar-Regolament 368.02. Infatti r-regolament 13(2) la juża l-kelma *"jsuq"* u lanqas xi derivattiv tal-istess; jintużaw biss il-kliem vettura li tkun *"ipparkjata"* jew li tkun *"qed tintuża".* Għal din il-Qorti, din ġia hija indikazzjoni li ż-żewġ reati huma distinti minn xulxin. Il-Qorti tqis li għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-artikolu 15(1)(a) jeħtieġ l-element tas-sewqan. L-element tas-sewqan pero mhuwiex rikjest fil-każ ta' akkuża kontemplata taħt ir-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02.

Huwa minnu li r-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jirreferi għall-vettura li tkun *"qed tintuża"*. Il-Qorti pero **ma tqisx li din hija riferenza diretta u speċifika għas-sewqan tal-istess vettura**: li kieku l-leġislatur ried jindika li huwa kien qed jagħmel riferenza għas-sewqan ta' dik il-vettura, huwa kien jagħmel dan b'mod ċar u skjett. Il-Qorti tqis li r-riferenza fil-liġi għall-vettura li tkun *"qed tintuża"* hija riferenza għall-vetturi li jkunu stazzjonarji u mhux qed jinstaqu iżda li jkunu qegħdin

jintużaw b'rabta ma' xogħol li jkun qiegħed isir (eżempju: *crane*) jew inkella li jkunu qegħdin jintużaw b'rabta ma' xi attivita ta' natura kummerċjali (eżempju: delivery trucks). Dawn teknikament ma jkunux qegħdin sempliċiment ipparkjati. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk bl-użu tal-kliem *"qed tintuża"* il-leġislatur ried ikopri wkoll dawk il-vetturi li għalkemm ma jkunux qed jinstaqu u ma jkunux qegħdin sempliċiment ipparkjati, ikunu qegħdin jintużaw għal fini ta' xi attivita partikolari. Il-leġislatur ried wkoll li dawn jkunu liċenzjati mal-Awtorita kompetenti f'dan il-każ ma' Transport Malta.

(b) Fit-tieni lok il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 ġiet introdotta l-ewwel darba bl-Avviż Legali 198 tal-2009. L-artikolu 15(1)(a) kien ilu fil-*corpus juris* tagħna ferm aktar qabel u dan minn kif jindikaw id-diversi emendi li saru matul iż-żminijiet fuq dan l-artikolu. Ma kien hemm l-ebda ħtieġa u lanqas kien jagħmel sens li jiddaħħal artikolu ieħor fil-liġi biex jattribwixxi responsabilita kriminali għall-azzjoni partikolari (f'dan il-każ sewqan ta' vettura mingħajr ma din ikollha liċenzja valida) meta din ġia kienet kriminalizzata b'liġi oħra li kienet idaħħlet aktar qabel;

(c) Fit-tielet lok jiġi rilevat li filwaqt li l-kompetenza għall-prosekuzzjoni ta' reat taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 hija tal-Qorti tal-Maġistrati, il-kompetenza għall-prosekuzzjoni tar-reat għall-meta vettura ma jkollhiex liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida

għaliex din ma tkunx tħallset lill-Awtorita (sakemm tali vettura tkun qiegħda parkeġġjata jew stazzjonarja) hija tal-Kummissarju tal-Ġustizzja. Din il-kompetenza toħroġ minn qari tar-Regolamenti 14(3) u 21(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, liema regolamenti huma indikati fl-iskeda tal-Kap. 291, l-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja.

Għal din il-Qorti għalhekk huwa ċar li meta għandek vettura li tkun qed **tinstaq** mingħajr ma' dik il-vettura tkun koperta b'liċenzja valida, allura japplika l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 filwaqt li jekk għandek vettura li tkun qiegħda jew ipparkjata jew inkella qiegħda tintuża għall-fini ta' xi attivita partikolari (iżda li ma tkunx qed tinstaq) japplika r-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. B'applikazzjoni tar-regolamenti 14(3) u 21(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tali reat huwa kompetenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk għalkemm id-difiża ikkwotat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Pietro Pecchioni, f'dik l-istess ġurnata ingħatat sentenza mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Darren Bonnici*** (Appell Numru 405/2023) fejn propju ġiet konfermata ħtija taħt l-artikolu 15(1)(a) għaliex il-vettura kienet qed tinstaq meta din ma kellhiex liċenzja sabiex tintuża fit-triq. Dan huwa identiku għall-fattispeċie ta' dan il-każ. Dan huwa konferma li l-fattispecie tal-każ jaqgħu taħt il-kappa tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65;

kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kinitx tasal sabiex tikkonferma tali sejbien ta' ħtija.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 qed issib lill-akkużata ħatja tal-akkuża dedotta fil-konfront tagħha u qed tikkundannaha għall-ħlas ta' multa ta' mija u ħamsin ewro (€ 150). In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħatja milli jkollha jew tottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint (8) ijiem mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**